# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR AUDREY MICALLEF) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Marzu 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *omissis* (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025 mixli illi nhar il-15 ta' Marzu 2025 bejn il-ħinijiet tas- 19:00 hrs u d- 21:00 hrs ġewwa Triq Ħal Niklusi, Siġġiewi:-

1. **Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill- eks siehba tieghu, u cioe' *omissis* jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.**

2. **Volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied**

wara li rat li *inter alia* hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' *omissis*;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah *ammenda* fl-ammont ta' ħamsin euro (€ 50). Il-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur *omissis* għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur